**14 ta' Novembru, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Zammit

*versus*

Carmelo Zahra pr. et ne.

**Kontijiet — Rendiment — "Caricamento Estimatorio" — Prova — Soċjetà Irregolari — Assoċjazzjoni — Komunjoni — Art. 527(1) tal-Kap. 23.**

*Hu veru illi meta persuna, li hi obligata t'rrendi kont ta' assoċjazzjoni komuni minnha ġestita tiġi kundannata b'sentenza biex tirrendi dak il-kont tal-ġestjoni tagħha fi żmien determinat, tonqos milli tirrendi dak il-kont f'dak iż-żmien, u l-parti l-oħra li kellha tirċievi l-kont tkun ippreżentat il-kont tagħha, ċjoè tkun għamlet dak li jissejjaħ "caricamento estimatorio", dan il-karikament estimatorju ma hux ta' ostakolu għal min kien kundannat jirrendi l-kont milli jimpunja r-rendikont preżentat mill-parti l-oħra, kif lanqas ma hu ta' ostakolu li jsiru provi oħra dwar l-istess kont; iżda fil-valutazzjoni tal-provi l-ġudikant għandu jġib quddiem għajnejh il-konsiderazzjoni illi, bl-istess mod li bih, kieku min kien kundannat għar-reżokont kien ikollu jiġġustifika l-partiti tiegħu, hekk ukoll issa għandu jagħti l-istess ġustifikazzjonijiet soddisfaċenti tal-"kritiki" li hu jagħmel fl-impunjattiva tal-karikament estimatorju ta' min ippreżenta l-kont, u li l-prova ta' dawn il-kritiki tinkombi lilu. Jekk hu ma jasalx f'din il-prova, u jekk ma jkunx hemm "aliunde" inkombenti oħra ta' prova in kuntrarju, allura jibqa' sħieħ il-karikament estimatorju.*

*Trattandosi ta' soċjetà irregolari jew assoċjazzjoni, il-massa tal-qliegħ iġġib stat ta' komunjoni "pro tanto" bejn l-assoċjati, u għalhekk huma applikabbli r-regoli tal-komunjoni; u hekk jiġi li hemm il-preżunzjoni, fin-nuqqas ta' prova*

*kuntrarja, li l-kwoti ta' kompartecipazzjoni fil-qiegh huma ndaqs bejn l-assocjati.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta li b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina tat-28 ta' Ġunju 1950, konfermata fl-appell b'sentenza ta' dik l-Onorabbli Qorti tal-31 ta' Jannar 1951, il-konvenuti ġew kundannati biex fi żmien xahrejn jirrendu lill-attur kont ġust u fidil, debitament ġustifikat, tax-xogħol li huma għamlu rigward bejgħ ta' laring u lumi, li huma ħadmu bħala membri tal-"Fresh Fruit Pool (Wholesale Distributors)", u li minnu jkun jirriżulta l-profitt magħmul fuq l-istess xogħol, li fih l-attur kellu nteress; u li l-konvenuti naqsu milli jirrendu dan il-kont fiż-żmien li ġie lilhom prefiss, u sal-lum għadhom ma rrendewhx, non ostanti r-ripetuti rikjesti lilhom magħmula u d-diversi promessi tagħhom f'dan is-sens, u għalhekk l-attur ħejja l-kont, li pproduċa bħala dokument "A" mal-att taċ-ċitazzjoni, li huwa lest jikkonferma bil-ġurament, u li minnu jirriżulta sehmu tal-profitti mix-xogħol magħmul mill-konvenuti, kif fuq imsemmi, ammontanti l-istess sehem ta' profitti għal £801.15. 5; talab li jiġi ammess jikkonferma bil-ġurament l-imsemmi kont prodott mal-att taċ-ċitazzjoni bħala dokument "A", li minnu jirriżulta illi huwa għandu jieħu minn għand il-konvenuti s-somma ta' £801. 15. 5 fuq imsemmija, u l-istess kont jiġi dikjarat li jagħmel tajjeb f'lok il-kont li l-konvenuti kellhom jirrendu u ma rrendewx; u l-istess konvenuti fil-kwalità tagħhom fuq riferita, u solidalment bejniethom, jiġu konsegwentement kundannati jħallsu lilu l-imsemmija somma ta' £810. 15. 5; bl-interessi kummerċjali, u bl-ispejjeż;

*Omissis:*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Mejju 1958, li biha għar-raġunijiet premessi ddeċidiet fuq l-istanza fis-sens li l-kont indikat fl-att taċ-ċitazzjoni jagħlaq bis-somma ta' £529. 0. 5 favur l-attur, għal sehmu mill-profitti tal-operazzjoni ndikata fl-att taċ-ċitazzjoni, u f'dan is-sens iddikjarat tajjeb il-kont relattiv, u kwindi kkundannat lill-konvenuti jħallsu lill-attur l-imsemmija somma ta'

£529. 0. 5, bl-interessi kummerċjali; l-ispejjeż jitħallsu mill-partijiet skond ir-rispettiva vittorja u sokkombenza; wara li kkunsidrat;

B'sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Ġunju 1950, konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara, il-konvenuti ġew kundannati jirrendu lill-attur, fi żmien xahrejn, kont ġust u fidil tax-xogħol li huma kienu għamlu in konnessjoni mal-larinġ u lumi mportati minn Sqallija, u li jkun juri l-profitt li sar minn dak l-istess xogħol;

Mill-perizja jirriżultaw il-fatti segwenti:—

*Omissis;*

Minn dan il-bilanċ ta' £1603. 10. 10 għandhom jiġu dedotti l-imsemmija £523.10. 0 għall-ħsara, u għalhekk il-bilanċ jiġi ta' £1080. 0.10, li għandu jiġi diviż indaqs bejn il-konvenuti minn naħa waħda u l-attur mill-banda l-oħra, nofs kull wieħed, jiġifieri £540. 0. 5 kull wieħed minnhom. Però, ma' dan l-ammont għandu jiżdied favur il-konvenuti nofs il-qliegħ li l-attur għamel mill-larinġ li biegħ akkont tiegħu, u li ġie stabbilit fis-somma ta' £22, jiġifieri £11, u din is-somma għandha tiġi kwindi dedotta mis-sehem tal-attur;

Għalhekk l-attur imissu jieħu minn għand il-konvenuti s-somma ta' £529. 0. 5;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenuti fol. 253, u l-petizzjoni tagħhom fol. 254, li biha talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn l-Ewwel Qorti qalet li l-kont jagħlaq bis-somma ta' £529. 0. 5, u fejn il-konvenuti ġew kundannati jħallsu dan l-ammont lill-attur, bl-imgħaxijiet mid-data tas-sentenza, u jħallsu parti mill-ispejjeż, u konfermata fil-kumplament; b'dan, konsegwentement, illi t-talbiet tal-attur jiġu riġettati fl-interezza tagħhom; bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi;

Rat ir-risposta tal-attur fol. 260, li fiha qal li l-appell hu insostenibbli u għandu jiġi respint, u appella inċiden-

talment, billi jiġi approvat fl-interezza tiegħu l-kont eżibit maċ-ċitazzjoni, b'mod li l-konvenuti jiġu kundannati jħallsu l-ammont kollu ta' £801. 15. 5, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi; u billi tiġi magħmula favur l-attur ir-riżerva msemmija fl-istess risposta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Qabel xejn, jixraq li jiġi osservat li mhux bla raġuni sar ir-riljev kontenut fin-nota tal-attur fol. 58 et seq. dwar li l-konvenuti qieshom qegħedin jippretendu li jinvertu l-pożizzjoni ġuridika bejnhom u bejn l-attur. Hu fatt li, anki minn qabel il-kundanna għar-rendikont, subita bis-sentenza riferita in atti, il-konvenuti, bħala ġesturi ta' affari li, barra tagħhom, kienet anki aljena, kellhom il-vesti ta' mandatarji (art. 1763 Kap. 23), u kwindi kellhom, u kienu jafu jew imisshom jafu li kellhom, l-obligu li jirrendu kont (art. 1977 ibidem). Hu fatt ukoll li, non ostanti l-kundanna tagħhom għar-rendikont u l-għeluq tat-terminu lilhom preskritt, huma ma rrendewx ebda kont, u matul il-mori ta' din il-kawża, avvolja din bdiet fl-1953, ma ppruvaw jirrendu ebda kont, kif setgħu għamlu. Lanqas jirriżulta li żammew xi kotba jew kontijiet tal-ġestjoni tagħhom;

Issa, hu veru li l-fatt li jkun għadda t-terminu għar-rendikont, u li l-parti l-oħra tkun ippreżentat il-kont tagħha, ċjoè tkun għamlet dak li jissejjaħ "il caricamento estimatorio" (Galdi, Conmm. Proc. Civ., Vol. IV, p. 570), ma hux ta' ostakolu li min kien kundannat għar-rendikont jimpunja dak ir-rendikont, u lanqas hu ta' ostakolu li jsiru provi oħra dwar l-istess kont (ara Kollez. XV, 596; XXVIII-III-891; XXXVII--I-485). Iżda, fil-valutazzjoni tal-provi l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh il-konsiderazzjoni illi, bl-istess mod li bih, kieku min kien kundannat għar-reżokont kien ikollu jiġġustifika l-partiti tiegħu (art. 389, 390 Kap. 15), hekk ukoll issa għandu jagħti l-istess ġustifikazzjoni soddisfaċenti tal-"kritiki" li hu jagħmel fl-impunjattiva tal-karikament estimatorju tal-attur, u li l-prova ta' dawn il-kritiki tinkombi lilu. Jekk il-konvenut ma jasalx f'din il-prova, u jekk ma jkunx hemm "aliunde"

inkombenti oħra ta' prova in kuntrarju, allura jibqa' sħieħ il-karikament estimatorju;

Ikkunsidrat;

L-aggravji kontenuti fl-appell prinċipali huma diversi, u sejrin jiġu mill-Qorti eżaminati "seriatim";

L-ewwel ilment tal-appellanti prinċipali hu dak li ma ġiex pruvat li lill-attur jistħoqqlu nofs il-profitt;

Hu stran, biex wieħed jgħid l-anqas, li l-konvenuti ma jgħidux liema għandha tkun il-proporzjoni ta' komparteċipazzjoni, kif inhu wkoll stran li fil-kors tal-kawża l-oħra ta' qabel li ntant damet mill-1945 sal-1951, din il-kwistjoni qatt ma ssemmiet, lanqas "per incidens". F'dik il-kawża xehed l-attur fol. 25 li hu kien jaħdem dan ix-xogħol tal-agrumi in assoċjazzjoni mal-konvenut Carmelo Zahra; xehdu Loporto, Albanozzo u Peace, fol. 28 idem u 38 rispettivament, u ebda domanda ma saritilhom diretta biex tikkjarixxi xi komparteċipazzjoni diversa minn dik ugwali. Xehed ukoll . . . . . . . ; dan ma xehed bl-ebda mod biex isostni dan il-punt, li ssemma l-ewwel darba tardivament fl-1956, fin-nota tal-konvenuti fol. 55. Dan diġà jista' jagħti "ad intendere" li matul din il-litigazzjoni kollha l-interessati kienu qegħdin jassumu bħala ħaġa nkontestata li r-ripartizzjoni tal-profitti kienet bin-nofs;

Ġie osservat fin-nota tal-konvenuti fol. 55, "inter alia", li fil-fatt l-attur ikun qiegħed jieħu aktar minn nofs, għaliex il-konvenuti huma diversi. Dan ir-riljev hu bla bażi; għaliex, kif jirriżulta mill-attijiet tal-kawża l-oħra . . . . . eppure l-istess Rinaldo Zahra, fix-xhieda tiegħu fol. 123 ibidem, għamel stqarrija li tiskalza dan ir-riljev, meta qal:— Missieri u l-attur kienu jaħdmu taħt id-ditta "Zahra & Zammit". Missieri ma' l-attur kien jidher individwalment, u mhux bħala soċju fid-ditta tagħna". Issa, hu ovvju li f'dan il-każ ma hux possibbli li wieħed japplika l-kriterju tal-art. 1760 Kap. 23, għaliex ma jirriżultax li kien hemm xi konferimenti ta' kapitali bħala versjonijiet fil-fond soċjali. Għaldaqstant, wara li wieħed iqies li, trattandosi ta' soċjetà irregolari, ossija assoċjazzjoni, il-massa tal-qliegħ

ġiebet stat ta' komunjoni "pro tanto" bejn l-attur u Carmelo Zahra (Kollez. Vol. XXXII-I-569, u oħrajn), u li għalhekk huma applikabbli r-regoli tal-komunjoni, jiġi li hemm il-preżunzjoni, fin-nuqqas ta' provi kuntrarji, li bl-ebda mod il-konvenuti lanqas biss offrew li jagħmlu, li l-kwoti ta' komparteċipazzjoni huma ndaqs; u dan skond l-art. 527(1) Kap. 23;

Għalhekk dan l-ewwel ilment ma hux fondat;

Ikkunsidrat, dwar it-tieni aggravju;

Il-konvenuti appellanti ħassew ruħhom aggravati anki għar-rigward tal-kwistjoni tal-kirjiet tal-imħażen u s-salarju tal-lavrant;

Kwantu għall-kirjiet, ma hux forsi eżatt dak li ntqal fir-rapport tal-perit adibit mill-Ewwel Qorti, u li ntqal ukoll fis-sentenza appellata, li ma ġewx mogħtija dettalji. Dawn il-partikulari ġew fil-fatt mogħtijin mill-konvenut Rinaldo Zahra fix-xhiediet tiegħu fol. 44, 45, 46 u 52 tal-proċess. Għalhekk, dettalji "ut sic" hemm, u l-perijodu li għandu jitqies jirriżulta mill-fatt . . . . u kwindi f'dak il-perijodu ġew użati dawn il-fondi "a pro" tal-assoċjazzjoni, ċjoè qiesu għoxrin xahar. Iżda l-provi juru wkoll li dawn l-imħażen ma kienux qegħdin iservu biss għan-negozju li fih hu nteressat l-attur, imma anki, u maġġjorment, jekk mhux preponderantement, għax xogħol ieħor li kienu fl-istess żmien qegħdin jagħmlu l-konvenuti għas-soċjetà tagħhom bejniethom, u anki mad-ditta "Frank Borg", li kellha allokazzjoni ferm akbar fil-"Pool". Jekk wieħed, infatti, jeżamina ċ-"cheques" eżibiti f'dan l-inkartament, isib . . . . . . . ;

Għalhekk din il-Qorti tħoss, għar-rigward tal-kirjiet ta' dawn l-imħażen, illi l-unika ħaġa li ġiet pruvata hi dik li f'parti, mhux faċilment aċċertabbli, imma li aktarx kienet ta' entità żgħira in konfront ma' negozji oħra ġestiti "in eo loco" mill-konvenuti, dawn l-imħażen servew anki għall-magazzinaġġ (kif jidher mill-provi, aktarx ta' durata qasira, għax il-merċi kienet tiġi ritirata malajr) tal-agrumi attivati in assoċjazzjoni mal-attur, u dan għall-

perijodu ta' xi għoxrin xahar fuq indikat. Bħala konferiment tal-użu ta' dawn l-imħażen, xi kumpens ċertament għandu jingħata lill-konvenuti, wara li jitqies il-kera globali annwu . . . . Dwar l-entità ta' dan il-kumpens jingħad aktar il-quddiem;

Kwantu għas-salarju tal-lavrant, kompriż fit-tieni aggravju flimkien mal-kirjiet, kif ingħad fuq, hemm ix-xhieda . . . . Bejn li dan il-lavrant ma ssemmiex min kien u ma nġiebx xhud, u bejn li l-prestazzjonijiet tiegħu setgħu anki kienu in konnessjoni max-xogħol l-ieħor li, kif fuq ingħad, kienu jagħmlu kontestwalment il-konvenuti, hu ġust li kull kumpens relattiv jitqies mogħti u kompriż f'dak li sejra tipprovvedi din il-Qorti l-quddiem;

Ikkunsidrat;

It-tielet aggravju hu dwar l-ispejjeż tat-trasport . . . . . Kien hemm, mbgħad, jew aħjar seta' kien hemm, it-trasport mill-imħażen għad-domiċilju tal-klijenti; u hu dan it-trasport li tiegħu qiegħed jiġi reklamat kumpens;

Issa, din il-Qorti, wara eżami tal-provi, taħseb li, jekk kien hemm dan it-trasport tal-aħħar, bilfors kien "parva materia". Infatti, milli jidher, aktarx kienu jiġu għaliha l-klijenti u jirtiraw il-merkanzija mill-imħażen . . . . . ;

Għalhekk, jekk kien hemm xi spejjeż ta' trasport, dawn kienu aktarx in linea ta' eċċezzjoni; u għalkemm anki l-ispejjeż ta' dan it-trasport, avvolja hekk limitat, għandu jkollhom xi kumpens, dan għandu jiġi regolat wara li wieħed iqies in-natura eċċezzjonali tiegħu fis-sens ta' dak li ntqal fuq. Dwar dan il-kumpens jintqal ukoll il-quddiem;

Ikkunsidrat;

Ir-raba' aggravju jirrigwarda l-pretensjoni tal-konvenuti appellanti li huma sselfu kapitali bl-interessi biex ikunu jistgħu jaħdmu dan il-lariġ;

Ebda nformazzjoni dwar dawn il-mutwi ma ġiet mogħtija . . . . Lanqas jidher li seta' kien hemm lok għall-ħruġ

ta' xi kapitali; għaliex mill-provi deher li l-klijenti kienu jħallsu "cash down" .... Għalhekk, bejn li ma ġiex pruvat bil-mezzi legali l-ħruġ ta' ebda kapital in konnessjoni man-negozju "de quo", u bejn li ma jidherx li kien hemm lok għal żborżi ta' kapitali, dan l-aggravju ma jistgħax iseħħ;

Ikkunsidrat, dwar il-ħames aggravju;

Dan jirrigwarda l-kumpens għax-xogħol li għamlu l-konvenuti. S'intendi, l-attur fiċ-ċitazzjoni diġà kkonċeda u naqqas mill-kont perċentwali ta' ħmistax fil-mija fuq il-profitti favur il-konvenuti tax-xogħol li dawn għamlu. L-appellanti qegħdin jippretendu somma akbar minn dik il-perċentwali, li tammonta għal £282. 19.6 fuq is-somma globali ta' £1886. 10. 4. Kif diġà ngħad, għalkemm hu veru li x-xogħol bilfors sar, fl-istess ħin dan ma għandux jiġi meħud il-barra mill-proporzjon ġusta; għax, kif ġa ġie rilevat, il-konvenuti kienu qegħdin fl-istess ħin jagħmlu xogħol ieħor .... Il-Qorti, għalhekk, jidhrilha li għax-xogħol ta' distribuzzjoni tal-agrumi tal-"Pool" is-somma dedotta "ab initio" fil-kont tal-attur fol. 5 hi suffiċjenti;

Ikkunsidrat, dwar is-sitt aggravju;

Dan jirrigwarda l-ħsara fil-larinġ;

L-Ewwel Qorti qagħdet fuq ir-relazzjoni peritali, u kkonċediet bħala somma tal-ħsara, deduċibbli mill-ammont globali tal-profitti, is-somma ta' £523. 10. 0. Skond il-perizja, din is-somma tirrappreżenta perċentwali ta' ħamsa fil-mija fuq l-ammont ta' £10,469. 0.1, li jirriżulta miċ-"cheque books" eżibiti u dettaljati fol. 197;

Il-konvenuti, bl-appell tagħhom prinċipali, jippretendu somma akbar;

Issa, wieħed mill-aggravji tal-appell inċidentali tal-attur hu dwar din il-ħsara, fis-sens li l-attur jgħid li l-Ewwel Qorti ma kellha tagħti ebda somma għal daqshekk. Għalhekk hu xieraq li jiġi trattat f'dan l-istadju anki dan l-aggravju tal-appell inċidentali; għaliex, mentri l-konve-

nuti jippretendu aktar mis-somma mogħtija mill-Ewwel Qorti, l-attur isostni li ma hu dovut xejn;

Għandu jingħad li wara l-konklużjoni tal-perizja dwar din il-ħsara, adottata mill-Ewwel Qorti, kien hemm provi oħra ta' mportanza dwar dan il-pont. Ix-xhud Loporto jgħid (dejjem għar-rigward tad-ditta tiegħu komparteċipanti fl-istess Pool) li l-ħsara kien ibatiha l-Gvern, għax kien jeħodha in kalkolu fil-fissazzjoni tal-prezz. Ix-xhud Cassar fol. 243 jgħid li t-taħsir kien ikun ftit, u li jista' jkun li xi darba saret xi riduzzjoni (fol. 243). Ix-xhud Curmi qal . . . . .;

Għalhekk l-attur għandu raġun jgħid li ma hemm lok għal ebda riduzzjoni in bażi għat-taħsir;

B'daqshekk hu eżawrit (salv dak li sejjer jingħad infra) l-appell prinċipali u aggravju wieħed minn dawk tal-appell inċidentali;

Ikkunsidrat, fuq il-kumplament tal-appell inċidentali;

Dan l-appellant għandu raġun jgħid li ebda deduzzjoni ma għandha ssir in raġuni tan-negozju ta' laring li l-attur għamel akkont tiegħu. Dak kien negozju apparti, u mhux derivanti mis-sehem ta' "Zammit u Zahra" fil-Pool. Il-perit fol. 194 issuġġerixxa li lill-konvenuti għandu jingħata sehem mill-qliegħ ta' dan in-negozju, u l-Ewwel Qorti segwiet dan is-suġġeriment. Però ma hemm ebda raġuni li għaliha għandu jsir hekk. Diversament, kif tajjeb josserva l-attur fin-nota fol. 211, għall-istess raġuni kien imissu jiġi akkreditat tal-qliegħ li għamlu l-konvenuti fix-xogħol tiegħor ta' lariġ li huma għamlu mad-ditta "Frank Borg" (fol. 53);

Lanqas jista' jingħad infondat l-ilment tal-attur sabiex issirlu riżerva għall-ispejjeż tat-trasport li bihom il-konvenuti kienu akkreditati fil-konteġġi mal-Pool, u li huma setgħu jew ma għamlux, jew li seta' għamel ix-xerrej, kif hemm spjegat fin-nota fol. 59. Jekk ġara dak li hemm qed jaħseb l-attur, ikun, salvi konsiderazzjonijiet oħra, u salva kull kontestazzjoni a propożitu, każ ta' rettifika ta'

kontijiet, li hi ħaġa permessa. Hu ġustifikat għalhekk li ssir riżerva;

Kwantu għall-aggravju inċidentali dwar l-ispejjeż kif regolati mill-Ewwel Qorti, hu wkoll veru li l-attur għamel l-ewwel kawża bla ritard ta' xejn, ċjoè f'Ottubru tal-1945, ftit xhur wara l-għeluq tal-pagamenti mill-Pool (fol. 6), u meta kien għadu ħaj Carmelo Zahra. Kieku dan Carmelo Zahra għamel l-affarijiet kif imiss, ċjoè żamm kontijiet regolari bħala mandatarju ("uti supra"), kien imissu seta' jagħti immedjatament sodisfazzjon lill-attur. Minflok, hu la rrenda l-kont meta rċieva ċ-ċitazzjoni, la rrendieh fil-mori ta' dik il-kawża, lanqas fiż-żmien lilu prefiss, u lanqas fil-mori ta' din il-kawża (f'dan l-aħħar każ, hu jew l-aventi kawża minnu). Fil-każ li minnu donnha oriġinat il-ġurisprudenza sussegwenti, ċjoè dak riportat fil-Vol. XV, p. 598, li fih il-persuna tenuta li tirrendi l-kont kienet almenu għamlet talba għall-approvazzjoni ta' rendikont magħmul wara t-terminu, il-Qorti akkollatha bl-ispejjeż kollha; fuq il-motiv li l-ispejjeż kienu ġew kaġunati minn min ma kienx irrenda l-kont fiż-żmien preskritt, u ntant ma kienx hemm tort mill-parti l-oħra; u dan avvolja l-kont preċedentement magħmul wara l-għeluq tat-terminu mill-parti l-oħra fil-fatt ġie ridott in segwitu għall-kont preżentat mir-rendent. U hu loġiku li, anki jekk in definittiva l-"caricamento estimatorio" jiġi ridott, dan ma għandux jinfluwixxi fuq il-konsiderazzjonijiet l-oħra li jitfgħu l-piż tal-ispejjeż fuq min naqas li jirrendi l-kont;

Infatti, anki jekk għandha ssir riduzzjoni, dan hu dejjem in realtà dovut għan-nuqqas ta' min ma rrendiex il-kont, non ostanti li hu kellu jew kien imissu jkollu l-informazzjonijiet kollha meħtieġa biex jirrendieh, u poġġa lill-parti l-oħra fin-neċessità li tippreżenta hija kont approssimattiv, avvolja, peress li ma kienetx hi li tamministra, hi ma kellhiex l-informazzjonijiet li kienu jokkorrulha. F'dan il-każ, kif ingħad, il-konvenuti sal-konklużjoni ta' din il-kawża ma ċċaqalqux. Għalhekk ma hemmx raġuni biex din il-Qorti, għar-regolament tal-ispejjeż tal-ewwel istanza ma tipproċedix fuq l-istess prinċipju; "se non altro" biex min hu kundannat jirrendi kont ma jabbużax, fl-isperenza li in ultima analisi l-affarijiet jiġu l-istess jekk

hu ma jikkonformax ruħu mal-kundanna. Vwoldiri, il-dritt li hu jimpunja l-karikament estimatorju ma jistgħax jiġi negat, imma almenu għandu jkun hemm xi konsegwenza;

Din il-proċedura tal-"caricamento, estimatorio" twieldet mil-Liġi tal-Piemonte; u l-Galdi jiċċita mill-ktieb "Pratica Legale" ta' dak il-pajjiż (loc. ċit., p. 20), fejn jingħad:— "Il- giuramento 'in litem' è una prova privilegiata che si concede ad una delle parti litiganti in pena dell'altra che sia contumace o renitente a dar conto specifico di qualche cosa di cui la suddetta risulta contabile . . . . ";

Il-piena f'dan il-każ hi almenu r-responsabbiltà għall-ispejjeż. Kif tajjeb osserva l-attur fol. 261, "alla fin fine", una volta li hemm il-kundanna għar-rendikont, u dan ma ġiex reż, din hi kawża ta' likwidazzjoni ta' kreditu dovut lill-attur; liema likwidazzjoni saret neċessarja bi ħtija tiegħu; tant għax ma żammx il-kontijiet li kien obligu tiegħu li jżomm meta kien qiegħed jiġġestixxi negozju in komune, kemm ukoll għax ma ppreżentax, malgrado l-kundanna. kont debitament ġustifikat;

Ikkunsidrat;

Jibqa' li din il-Qorti żżid dak li superjorment ġie riżervat li għandu jiżdied dwar iż-żewġ partiti tat-tieni u t-tielet aggravju tal-appell prinċipali. Dwar dawn il-partiti jingħad li, in vista tal-konsiderazzjonijiet żvolti dwarhom, ikun suffiċjenti kumpens żgħir, mogħti diskretivament; u l-Qorti jidrilha li, jekk mal-perċentwali tal-ħmistax fil-mija, ġa inkluża fil-kont, tiġi miżjuda perċentwali oħra ta' tliettax fil-mija, dawk iż-żewġ partiti jkunu suffiċjentement koperti in bażi għal dak li ntqal. Il-kont fol. 5 jiġi għalhekk riformat b'dan il-mod:— Profitti £1886. 10.4; perċentwali tat-18% li għandha titnaqqas (ċifra tonda) £340. 0. 0. Nofs tal-attur £773. 5. 2;

Kwantu għall-ispejjeż ta' din l-istanza, jiġi li mis-sitt aggravji tal-appell prinċipali l-konvenuti ġew eżawditi

f'mod limitat fuq tnejn biss. L-attur rebaħ l-aggravji kollha tal-appell tiegħu inċidentali;

Għalhekk tiddeċidi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li l-kreditu tal-attur jibqa' likwidat fis-somma ta' £773. 5. 2, bl-imgħax kummerċjali mil-lum. L-ispejjeż tal-ewwel istanza jitħallsu mill-konvenuti "in toto";

L-ispejjeż tal-appell inċidentali jitħallsu wkoll mill-konvenuti. Dawk tal-appell prinċipali jitħallsu sest mill-attur u ħames sesti mill-konvenuti;

U b'dan il-mod ipprovdiet fuq iż-żewġ appelli; salv kull dritt tal-attur, "si et quatenus", għar-rigward ta' xi differenzi fl-ispejjeż tat-trasporti "uti supra".